**30 ta' Settembru, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Patrick Vella B.A., LL.D. Mag. Juris. (Eur. Law)**

Il-Pulizija

*versus*

John Azzopardi u Andy Calleja

## Reat Kontinwat - Piena - Dritt ta' Appell ta' l-Avukat Ġenerali

*L-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li fil-każ ta' reat kontinwat il-piena tista' tiżdied minn grad sa żewġ gradi u mhux neċessarjament għandha hekk tiżdied. Fi kliem ieħor jispetta għall-ġudikant fil-każ konkret li jiddeċidi jekk għandux ikun hemm iż-żieda ta' grad jew tnejn fil-piena. Fejn il-leġislatur ried li l-ġudikant ma jkollux diskrezzjoni jekk għandux ikun hemm iż-żieda jew le, il-lokuzzjoni adoperata hi f'termini imperattivi.*

*Sabiex appell ta' l-Avukat Ġenerali (jew tal-kwerelant fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 373) jirnexxi a bażi ta' l-artikolu 413 (1) (b) (iii) tal-Kodiċi Kriminali, irid jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Qorti Inferjuri kienet ta' xorta differenti minn dik stabbilita fil-liġi (eż. ingħatat multa meta l-liġi tippreskrivi priġunerija, jew ingħatat ammenda meta l-liġi tippreskrivi multa), jew li l-piena kienet taħt il-minimu ta' dak li tippreskrivi l-liġi, jew ma ġiex applikat korrettement, jew ma setax jiġi applikat, l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali. Fi kliem ieħor, l-Avukat Ġenerali ma jistax jinvoka l-artikolu 413 (1) (b) (iii) biex jikkontesta d-diskrezzjoni leġittimament imħollija f'idejn l-Ewwel Qorti.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra John Azzopardi u Andy Calleja talli:

F'dawn il-Gżejjer, fil-Gżira u f'Paceville, fil-15 ta' Marzu, 1997, u fil-ġimgħat ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess

disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni aħda, xjentement għixu għal kollox jew in parti mill-qligħ tal-prostituzzjoni ta' Stephanie Gatt u Victoria Abela, it-tnejn minorenni;

Ukoll talli f'dawn il-Gżejjer, fil-Gżira u Paceville fil-15 ta' Marzu, 1997 u fil-ġimgħat ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnhom, *ukoll jekk fi żminijiet differenti u li* jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, sabiex jissodisfaw iż-żina ta' ħaddieħor ħajru għall-prostituzzjoni, persuni ta' taħt l-età (Stephanie Gatt u Victoria Abela), jew eċċitaw il-korruzzjoni tagħhom, jew għenu jew iffaċilitaw din il-prostituzzjoni jew korruzzjoni, liema delitt sar b'qerq jew bħala drawwa jew bi ħsieb ta' qligħ;

U aktar, kontra Andy Calleja waħdu, talli b'għemil żieni kkorrompa lil Victoria Abela, minorenni u dan f'dawn il-Gżejjer, u dan fix-xhur immedjatament preċedenti t-18 ta' Marzu, 1997;

U aktar, kontra John Azzopardi waħdu, talli fit-terminu (*recte*: perijodu) operattiv ta' sentenza sospiżi mogħtija lilu fid-19 ta' Lulju, 1995 u l-4 ta' Lulju, 1996 kiser il-kondizzjonijiet fuqu imposti li ma jikkommettix reati oħrajn;

U aktar, kontra Andy Calleja, waħdau, talli kiser il-*kondizzjonijiet li ma jagħmlilx reat ieħor imposti fuqu* b'sentenza tas-7 ta' Diċembru, 1997 ai termini ta' l-artikolu 9 tal-Kap. 152 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-5 ta' Marzu, 1998 li permezz tagħha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Andy Calleja ħati skond l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u kkundannatu tmintax-il xahar priġunerija; u lill-imsemmi John

Azzopardi ħati skond l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u kkundannatu sentejn priġunerija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali minnu ppreżentat fis-17 ta' Marzu, 1998, li permezz tiegħu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża; rat in partikolari l-verbal ta' l-udjenza tad-9 ta' Ġunju, 1998; ikkunsidrat:

Din il-Qorti qabel xejn ma tistax ma tosservax il-mod ferm infeliċi li bih ġiet redatta s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti. Hekk, per eżempju, għalkemm fil-konsiderandi tagħha dik *il-Qorti* jidher li kienet qed tirrikonoxxi li Andy Calleja kien ikkommetta reati b'mod li kiser il-kundizzjoni ta' *conditional discharge* taħt l-artikolu 9 tal-Kap. 152, fid-*decide* tas-sentenza (jiġifieri f'dik il-parti li tibda bil-kliem "Għaldaqstant u għall-motivi fuq espressi tiddeċidi l-kawża skond kif hawn taħt isegwi ...") għalkemm hemm referenza għall-artikoli 9 u *10* tal-Kap. 152, dik il-Qorti naqset milli tiddikjarah ħati li kiser dik il-kundizzjoni. L-istess jingħad għal dak li jirrigwarda lil John Azzopardi (l-appellat odjern), għalkemm f'parti mis-sentenza jingħad li dan Azzopardi ikkommetta r-reati ta' għixien minn fuq il-qligħ tal-prostituzzjoni ta' ħaddieħor u ta' tħajjir għall-prostituzzjoni ta' persuna ta' taħt l-età waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża (proprjament <u>żewġ</u> sentenzi ta' priġunerija sospiża), dik il-Qorti spiċċat biex ma pprovdiet b'ebda mod skond l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali;

Però l-appell ta' l-Avukat Ġenerali hu limitat għal punt wieħed u speċifiku. L-appellant jikkontendi li fir-rigward ta' John Azzopardi l-Ewwel Qorti tat piena li fil-kobor tagħha ma kinitx dik ikkontemplata mil-liġi għar-reati li tagħhom dan Azzopardi nstab ħati (artikolu 413 (1) (b) (iii) tal-Kap. (9).

Infatti, l-Avukat Ġenerali jgħid testwalment, hekk:

"Illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu filli l-Ewwel Qorti, fil-konfront ta' l-imputat appellat John Azzopardi, wara li għamlet referenza għall-artikoli 204 (1) (d), 18 u 17 (h) tal-Kodiċi Kriminali, u għall-artikolu 7 tal-Kapitolu 63, niżlet taħt il-minimu possibbli permess mil-liġi meta kkundannatu sentejn priġunerija, u dan mingħajr mhux biss lanqas kien hemm ebda referenza jew aċċenn għal dak li jiddisponi l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali, imma ukoll talli mill-motivazzjoni ta' l-Ewwel Qorti għar-rigward il-piena li għandha tiġi nflitta, ċertament eliminat kwalunkwe possibilità ta' eżistenza ta' xi raġunijiet speċjali u straordinarji kif jirrikjedi l-imsemmi artikolu 21";

L-appellant jaqbel li l-piena għar-reat ikkontemplat fl-artikolu 204 (1) (d) hija minn minimu ta' sentejn priġunerija sa massimu ta' sitt snin. Din il-gamma ta' piena tibqa' l-istess minkejja l-piena għar-reat ikkontemplat fl-artikolu 7 tal-Kap. 63, u dan peress li skond l-artikolu 17 (h) tal-Kap. 9 fil-każ ta' reat li jservi biex isir reat ieħor, tingħata biss il-piena għar-reat l-aktar gravi (f'dan il-każ ir-reat ikkontemplat fl-imsemmi artikolu 204 (1) (d), ċjoè dak ta' tħajjir għall-prostituzzjoni ta' persuna taħt l-età aggravat bil-fatt li l-applikabilità ta' l-imsemmi artikolu 17 (h); dak li qed jippretendi hu li peress li r-reat in kwistjoni kien wieħed kontinwat u li għalih kien għalhekk japplika l-artikolu 18 tal-Kap. 9, il-minimu tal-piena kellu jkun ta' tliet snin (i.e. sentejn + grad = tliet snin, artikolu 31 (1) (b) (vii) (vi) tal-Kap. 9);

Dak li jidher li qed jinjora l-Avukat Ġenerali *hu li* l-artikolu 18 jipprovdi li fil-każ ta' reat kontinwat il-piena <u>tista'</u> tiżdied minn grad sa żewġ gradi (*<u>may</u> be increased by one or two degrees*, fit-test Ingliż), u mhux neċessarjament għandha

hekk tiżdied. Fi kliem ieħor, jispetta għall-ġudikant fil-każ konkret li jiddeċidi jekk għandu ikun hemm iż-żieda ta' grad jew tnejn fil-piena. Fejn il-leġislatur ried li l-ġudikant ma jkollux diskrezzjoni jekk għandux ikun hemm iż-żieda jew le, u għalhekk ried li ż-żieda tkun tassattiva, il-lokuzzjoni adoperata hi f'termini imperattivi - ara, per eżempju, l-artikoli 95 (1) (oltraġġ lil uffiċjal pubbliku), 101 (2) (kalunja bil-ħsieb ta' estorsjoni), 129 (2) (atti arbitrarji minn kustodji jew karzriera aggravati), 202 u 207 (ċirkostanzi aggravanti f'każ ta' stupru, serq ta' persuna u attentat vjolenti għall-pudur), 222 (ċirkostanzi aggravanti f'każ ta' offiżi fuq il-persuna), 252 (4) (inġurja kontra axxendent), 278 (3) (piena għas-serq b'ċerti kwalifiki), u diversi disposizzjonijiet oħra;

Hu appena neċessarju jingħad li biex appell ta' l-Avukat Ġenerali (jew tal-kwerelant fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 373) jirnexxi a bażi ta' l-artikolu 413 (1) (b) (iii) tal-Kap. 9 irid jirriżulta jew li l-piena mogħtija mill-Qorti Inferjuri kienet ta' xorta differenti minn dik stabbilita fil-liġi (eż. ingħatat multa meta l-liġi tipprskrivi priġunerija, jew ingħatat ammenda meta l-liġi tippreskrivi multa), jew li l-piena kienet taħt il-minimu ta' dak li tippreskrivi l-liġi u ma ġiex applikat korrettement, jew ma setax jiġi applikat, l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali. Fi kliem ieħor, l-Avukat Ġenerali ma jistax jinvoka l-artikolu 413 (1) (b) (iii) biex jikkontesta d-diskrezzjoni leġittimament imħollija f'idejn l-Ewwel Qorti;

Fil-każ in diżamina, l-Ewwel Qorti eżerċitat diskrezzjoni, leġittimament imħollija lilha, li ma żżidx il-piena bi grad jew tnejn skond l-artikolu 18 tal-Kap. 9, b'mod li għalhekk il-piena fil-minimu ta' sentejn priġunerija ma tistax titqies li kienet piena <u>taħt</u> il-minimu. L-Avukat Ġenerali jista' ma jaqbilx mal-kod kif l-Ewwel Qorti eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha, u frankament anke din il-Qorti ma taqbilx, għax jidhrilha li l-każ kien jimmerita kemm iż-żieda ta' grad jew tnejn kif ukoll li l-

piena ma tingħatax fil-minimu tagħha; iżda dan ma jfissirx li l-appell ta' l-Avukat Ġenerali hu fondat, għax, kif ingħad, il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet dik ikkontemplata mil-liġi għal dak li hu l-*quantum*, jiġifieri fil-parametri tal-minimu u tal-massimu kkontemplati mil-liġi. Fi kliem ieħor, fis-sentenza ma hemm ebda żball ta' dritt iżda biss apprezzament ħażin taċ-ċirkostanzi liema apprezzament wassal għal piena wisq miti;

Għall-motivi premessi *tiċħad l-appell ta' l-Avukat* Ġenerali;

Iżda peress li, kif ingħad, l-Ewwel Qorti naqset li tipprovdi skond l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali dwar żewġ sentenzi ta' priġunerija sospiża (dik tad-19 ta' Lulju, 1995 - sitt xhur priġunerija sospiżi għal sentejn - u ta' l-1 ta' Lulju, 1996 - disa' xhur sospiżi għal tliet snin), il-Qorti, wara li rat l-artikolu 28D tal-Kodiċi Kriminali, tordna li l-atti ta' din il-kawża jiġu mibgħuta lura minnufih lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex dik il-Qorti tipprovdi skond il-liġi.

---